A.L. 279 ta' l-2006

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

ATT DWAR IS-SIGURTÀ TA' L-IKEL (KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2006 dwar *Standards* ta' Bejgħ ta' Laħam tat-Tjur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u bl-artiklu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel rispettivament, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin :

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2006 dwar *Standards* ta' Bejgħ ta' Laħam tat-Tjur.

Provvedimenti għall-Infurzar ta' Regolamenti KE *Standards* ta' Bejgħ ta' Laħam tat-Tjur.

2. (1) Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel hija maħtura bħala l-awtorità kompetenti għas-superviżjoni ta' konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1906/90 dwar ċerti *standards* ta' bejgħ ta' laħam tat-tjur.

(2) Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel għandha tispeċifika r-responsabbiltajiet għall-infurzar tal-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1906/90 dwar ċerti *standards* ta' bejgħ ta' laħam tat-tjur u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 1538/91 li jintroduċi regoli dettaljati sabiex jimplimenta r-Regolament (KEE) Nru. 1906/90 dwar ċerti *standards* ta' bejgħ ta' laħam tat-tjur, f'kull stadju ta' bejgħ, inkuż it-trasport.

(3) Ħlief fejn il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel tispeċifika xort' oħra, ir-responsabbiltà għall-infurzar fil-livell ta' bejgħ bl-imnut għandha tkun assenjata lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, filwaqt li r-responsabbiltà għall-infurzar fil-livell preċedenti kollha ta' bejgħ għandha tkun assenjata lid-Direttur, Servizzi Veterinarji.